# Rolling Geeks karozzi elettriċi li jitkellmu inawgurati fix-Xatt tal-Birgu

Rolling Geeks, mod innovattiv biex iżżur l-inħawi tal-Kottonera fin-nofsinhar tal-Port il-Kbir bil-pass li tagħżel int, inawguraw is-servizzi tagħhom uffiċjalment nhar il-Erbgħa, 30 ta' Lulju.

Rolling Geeks hija l-marka ta' kumpanija li għadha tibda, Xception Malta Ltd. Din hi impriża konġunta bejn Dawn Cutajar u Kris Rycken, li bejniethom għandhom 20 sena esperjenza f'setturi differenti tal-industrija tat-turiżmu, kemm f'Malta u barra minn Malta. Kemm it-turisti u nies lokali jistgħu jikru karozza elettrika mgħammra bil-batteriji u b'sistema ta' GPS programmata minn qabel li turihom ir-rotta waqt li ttihom kummentarju fuq il-postijiet ta' interess u ta' valur kulturali.

Fid-diskors tagħha barra l-uffiċċju tagħhom fil-Palazz tal-Kaptan tax-Xwieni, fix-Xatt ta' Birgu, Is-Sur Rycken qal: "Rolling Geeks toffri esperjenza unika u s'issa kien hemm rispons tajjeb immens minn mindu bdejna noffru t-turs iktar kmieni dan ix-xahar.

"Il-karozzi elettriċi tagħna huma eco-friendly, faċli biex issuqhom u permezz tagħhom in-nies jistgħu jaraw l-inħawi mannifiċi tal-Kottonera waqt li jieqfu għal dak kollu li jixtiequ jagħmlu, fosthom li jieħdu qabża fil-baħar," hu qal.

Is-Sindku ta' Birgu John Boxall irringrazzja s-Sur Rycken u Ms Cutajar għall-investiment li għamlu mhux biss fil-Birgu iżda fl-arja kollha tal-Kottonera: l-Isla, Bormla u l-Kalkara. Dan l-investiment jimla vojt li għalih kien hemm bżonn kbir.

"Qegħdin niktbu paġna ġdida f'dan il-ktieb li dalwaqt jispiċċa. Iżda hija paġna importanti u issa f'idejna biex naraw kif se nagħmlu l-aħjar użu tiegħu mhux biss fil-Birgu – u hawn jien kburi li dan hu għall-ġid tal-Kottonera kollha," qal is-Sur Boxall.

L-isem Rolling Geeks intgħażel għaliex, bħal kull geek ta' veru, il-karozzi jgħaddu l-ħin isegwu u jaqsmu l-passjoni tagħhom, li hu li jgħaddu dak li jafu fuq il-post b'mod l-iktar teknoloġiku matul ir-rotta ta' 18-il kilometru. Il-fatt li jmorru minn post għal ieħor fuq ir-roti jagħmilhom Rolling Geeks.

It-tur normali tar-Rolling Geeks idum sagħtejn u nofs u jgħaddi mit-tlieta mill-ibliet l-iktar mogħnija bil-kultura f'Malta. Permezz tiegħu tista' tara ferm iktar milli tista' tara f'ġurnata sħiħa bil-mixi. Hemm għażla ta' tmin lingwi: l-Ingliż, il-Ġermaniż, il-Franċiż, it-Taljan, l-Ispanjol, l-Olandiż, ir-Russu u l-Mandarin. Kull karozza elettrika hija koperta b'assikurazzjoni *comprehensive* u l-prezz jinkludi l-VAT u flixkun żgħir tal-ilma għal kull persuna.

Nies ta' kull età jistgħu jmorru fuq dan it-tur, għalkemm is-sewwieq irid ikollu 21 sena u jkollu liċenzja tas-sewqan. Dawn il-karozzi elettriċi jistgħu jiġu mikrija minn individwi jew gruppi u wżati għall-avvenimenti ta' kumpaniji, tiġijiet jew kull avveniment li jkollu bżonn servizz shuttle.

Hemm post għal erba' persuni f'dawn il-karozzi elettriċi 4x4 li jistgħu jdumu għaddejjin għal 60 kilometru meta l-batteriji jkunu ċċarġjati kompletament. Il-magna ta' 5.4 Kw taħdem permezz ta' tmin batterija ta' 6v u l-massimu li tista' ssuq biha ġie limitat għal 25 km/h. Dawn il-karozzi bl-isteering fuq il-lemin jiżnu 600 kg biss u huma omologati għat-triq. Tista' tnehhi s-sit ta' wara biex ikollok spazju għal iktar bagalji jew mejda għall-picnics.

Xception Malta ikkummissjonaw kumpanija Maltija tal-IT, Handson Systems, biex tagħmel il-telematika ta' kull karozza. Permezz ta' din is-sistema, via GPS, m'hemmx biss direzzjoni dak il-ħin stess fuq fejn għandek tmur iżda għandek gwida 'virtwali, li jgħidlek x'inhuma l-postijiet ta' interess u xi aspetti kulturali fuq ir-rotta. Din is-sistema ta' kummentarju taħdem bl-Android u b'hekk hija faċli ħafna biex jużaha u dalwaqt dawk li jkunu fuq it-tur se jkunu jistgħu jtellgħu ritratti fuq Facebook direttament mill-karozza.

Is-sistema tal-GPS tippermetti li kull karozza tiġi segwita mill-uffiċini ta' Xception Malta biex dawn jistgħu jiġu megħjuna meta jkun hemm bżonn. Jekk ikollhom bżonn jikkuntattjaw l-uffiċċju, hemm buttuna ta' SOS li permezz tagħha tista' tgħid x'inhi l-problema jew issaqsi għall-għajnuna permezz ta' microfonu u speaker żgħir.

Tista' tagħżel minn numru ta' pakketti għal turs, fosthom li tiġi bit-taxi fuq il-baħar minn Tas-Sliema jew San Ġiljan, jippreparawlek borża bl-ikel (picnic bag) u tixtri biljetti għall-mużewijiet fl-inħawi minn qabel, fosthom il-Mużew Marittimu, il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Mużew ta' Malta fil-Gwerra u l-Forti ta' Rinella.

Għal iktar informazzjoni żur www.rolling-geeks.com.

– TMIEM –

Caption:



**Krys Rycken, Director of Xception Malta Ltd, speaking at the launch of Rolling Geeks at Vittoriosa Waterfront, yesterday evening**



**Guests at the launch reception at the Rolling Geeks premises at Vittoriosa Waterfront where the talking electric car hire concept is based**




**Vittoriosa Mayor, John Boxall, speaking at the launch of Rolling Geeks, the new talking electric car hire concept in Vittoriosa, yesterday evening**




**Some of the Rolling Geeks' talking 4x4 electric cars parked at the Vittoriosa Waterfront**